KLR 35/VII/2015

Minuti tal-laqgħa b'urġenza li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 23 ta'Ottubru 2015 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- il-membru Anthony Briffa.

Intqalet talba.

**1. Korrispondenza mid-Dipartiment għal Gvern Lokali - Tlett Proġetti infrastrutturali b'Fondi Ewropej.**

Fil-21 ta' Ottubru 2015 il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Direttur għall-Gvern Lokali bis-suġġett hawn fuq imsemmi. Intalbet il-posizzjoni tal-Kunsill dwar il-fażijiet rispettivi tat-tliet proġetti li jaqgħu taħt il-fondi tal-*Funds and Programmes Division* (FPD) u l-*Gozo Action Group Foundation* (GAGF). Id-Direttur ġibed l-attenzjoni li jekk il-proġetti ma jkunux lesti sad-dati indikati, il-Kunsill Lokali mhux biss ma jingħatawlux il-fondi Ewropej, iżda saħansitara jittieħdulu dawk il-fondi fuq dawk il-proġetti li l-*Paying Agency* setgħet diġa approvat. Il-Kunsill mhux f'sitwazzjoni finanzjarja b'saħħita biżżejjed biex jirriskja li jidħol f'*commitments* finanzjarji ulterjuri u jekk il-proġetti ma jitlestewx saż-żmien stipulat, żgur li mhux ser ikun f'pożizzjoni li jonorahom.

Is-Segretarju Eżekuttiv għaddiet din l-ittra lill-membri tal-Kunsill malli rċevietha permezz ta'*email*. Dan kif kien mitlub mid-Direttur. Is-Sindku sejjaħ din il-laqgħa urġenti. Hu spjega li d-dewmien kien riżultat ta' fatturi li kienu indipendenti mill-kontroll tal-Kunsill u s-sitwazzjoni hija dik li hi kif deskritta hawn taħt. Id-deċiżjonijiet li ttieħdu waqt din il-laqgħa fuq kull proġett inkwistjoni huma kif hawn imniżżel.

***M413.4 Landscaping 2nd Call - Enhancing the Visitor's Rural Experience in Victoria'a Valleys***

Is-Sindku talab *Project Schedule* fuq ix-xogħol infrastrutturali ta' dan il-proġett. Il-Perit inkarigat tkellem mal-kuntratturi li ħadu l-offerti u dawn ħarġu bit-*time frames* tagħhom. Dawn imniżżla f'dokument A u B annessi. Il-membri tal-Kunsill qablu li mhux lok li dan ix-xogħol jinbeda minħabba l-ftit żmien li fadal. Għaldaqstant unanimament qablu li dan il-proġett għandu jiġi rtirat.

***M313 2nd Call – Extension of Victoria's rural Cultural and Historical Trail***

Ix-xogħol infrastruttruali fuq parti minn dan il-proġett inbeda nhar it-Tnejn 19 t'Ottubru 2015 bil-qlugħ tal-pavimentar eżistenti fi Pjazza San Ġorġ. Dan ix-xogħol ma setax jinbeda qabel peress li sar mandat u miegħu infetħet kawża fil-Qorti t'Għawdex minn sidien ta' ħwienet li jinsabu f'din il-pjazza. Wara ftehim bonajru bejn il-partijiet ġie deċiż li x-xogħol f'din il-pjazza għandu jinbeda f'Ottubru 2015. Mit-*time frames* imniżżla f'dokument Ċ juri li din il-pjazza għanduha tkun lesta għal kollox fis-26 ta' Novembru 2015. Din il-parti tal-proġett tkopri finanzjament ta' €93,940.97 VAT inkluża. Il-membri qablu li l-bqija ta' dan il-proġett għandu jiġi rtirat minħabba n-nuqqas ta' żmien li fadal sabiex jingħalaq l-istess proġett.

***M313 1st Call – An Oasis of Leisure and Arts in the Rural Heart of Victoria***

Rigward dan il-proġett tal-*playing field* sar komunikat mal-kumpanija li hija nkarigata mill-immaniġjar tiegħu u ġie sottomess programm aġġornat tax-xogħolijiet. Dan hu anness f'dokument D.

Din l-informazzjoni għandha tintbagħat lid-Dipartiment għal Gvern Lokali u lill-entiatjiet konċernati.

Il-laqgħa spiċċat fis-19.30. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 13 ta' Novembru 2015 fis-18.30.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |